# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 139/2017**

**L-avukat Dr. Mario de Marco (detentur tal-karta ta' l-identita` numru 500265(M)), bhala mandatarju specjali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' David John Standish u Christopher John Nutting, fil-kwalita` taghhom ta' *joint bankruptcy trustees* tal-patrimonju ta' Stephen Anthony Newman hekk kif mahtura fid-29 ta' Gunju, 2010 u fil-11 ta' Jannar 2013**

**vs.**

**Stephen Anthony Newman (detentur tal-passaport Ingliz nru. 050022436) u Alice Newman (detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 899654M) ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-14 ta’ Frar, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti, *nomine* sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi din hi procedura a bazi tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew Numru 1346/2000 tad-29 ta’ Mejju, 2000 u dak Numru 44/2001 tat-22 ta’ Dicembru, 2000, kif sussegwentement amplijat;

1.2. Illi l-intimat Stephen Anthony Newman gie dikjarat fallut fl-Ingilterra permezz ta’ ordni appozita moghtija mill-*Portsmouth County Cou*rt datat l-10 ta’ Mejju, 2010, (ara foll 12 *et seq.*);

1.3. Illi Christopher John Nutting gie mahtur *joint trustee* tal-falliment *de quo* flimkien ma Richard John Hill, (ara foll 13);

1.4. Illi l-imsemmi Richard John Hill gie debitament sostitwit minn David John Standish, (ara foll 14);

1.5. Illi rizultat tas-suespost in-nofs indiviz tal-fond numru 48, *“Park Nest”*, Triq Santa Katerina, il-Qrendi, formanti parti mill-patrimonju tal-imsemmi Newman, ghadda f’idejn il-*joint bankruptcy trustees*, (ara foll 46);

1.6. Illi skont ir-ricerki *in atti* l-imsemmi fond hu proprjeta` tal-intimati *in solidum*, (ara foll 48);

1.7. Illi b’effett tal-ordni ta’ falliment Ingliz fuq indikat in-nofs indiviz tal-fond fuq riferit ghandu jvesti lill-“*joint bankruptcy trustees*” fuq indikati u mhux lill-intimat Stephen Anthony Newman;

1.8. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jitlob ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tal-*Bankruptcy Order on Debtor’s Petition* datata l-10 ta’ Mejju, 2010, fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

1.9. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti biex din:

1.9.1. Tirrikonoxxi l-*Bankruptcy Order on Debtor's Petition* moghtija mill-Qorti tal-Konteja ta' Portsmouth l-Ingilterra fl-10 ta' Mejju, 2010, li bih Stephen Anthony Newman gie dikjarat fallut fl-Ingilterra;

1.9.2. Tiddikjara li l-*Bankruptcy Notice* hi esegwibbli fl-intier taghha minn David John Standish u Christopher John Nutting bhala *joint bankruptcy trustees* tal-patrimonju tal-intimat Stephen Anthony Newman;

1.9.3. Tordna n-notifika tad-decizjoni dwar ir-rikors odjern lill-intimati fl-indirizzi indikati fl-istess rikors promotur;

1.9.4. Salv kull provediment iehor li l-qorti jidhrilha xieraq;

2. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu, appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 66);

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4.0. Illi a bazi tar-Regolamenti tal-Kunsill tal-Ewropa fuq indikati u tad-dokumenti esebiti din il-qorti tqis li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Takkolji t-talbiet kollha tas-rikorrenti *nomine*;

4.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**